**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT DR. ELAINE MERCIECA B.A., LL.D.**

**Illum, it-13 ta' Frar 2023**

Kaz Nru: 110/2010

**IL-PULIZIJA**

(Spettur Victor Aquilina)

**kontra**

**FRANCIS GRECH**

(Detentur tal-karta tal-identita' Maltija bin-numru 535565(M))

**Il-Qorti;**

Rat l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront ta' Francis Grech, ta' 41 sena, bin Nazareno u Maryrose nee Spiteri, imwieled Pieta' nhar it-2 ta' Novembru 1965 u residenti gewwa l-Facilita' Korrettiva ta' Kordin u detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 535565(M), senjatament akkuzat talli f'dawn il-Gzejjer fis-26 ta' Jannar 2007 u fil-jiem ta' qabel din id-data:

1. Assocja ruhu ma xi persuna jew persuni ohra f'dawn il-gzejjer jew barra minn dawn il-Gzejjer sabiex ibiegh jew jittraffika f'dawn il-Gzejjer medicina (eroina) bi ksur tad-disposizzjonijiet ta' l-Ordinanza dwar il-

Medicini Perikoluzi, Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta jew ippromova, ikkostitwixxa, organizza jew iffinanza tali assocjazzjoni;

2. bhala persuna detenuta gewwa l-Facilita' Korrettiva ta' Kordin minghajjr l-awtorita' legittima dahhal jew ipprova jdahhal f'xi parti tal-konfini tal-habs, u cioe' fil-Facilita' Korrettiva ta' Kordin, oggetti ikun li jkun u specifikament medicina perikoluza (eroina) liema oggett huwa projbit, u dan bi ksur tal-artikolu 7(1), (2) tal-Kap. 260 tal-Ligijiet ta' Malta u r-regolament maghmula taht l-istess ligi;
3. talli ittanta jaghmel reat kontra l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta) jew hajjar jew gieghel persuna/i ohra taghmel dak ir-reat u cioe' lil Charlotte Vella u lil Juanita Grech bi ksur tal-artikolu 22(5) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat l-Ordni tal-Avukat Generali datat it-28 ta' Dicembru 2009, *ai termini* tas-subartikolu (2) tal-Artikolu 22 tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kapitolu 101 tal-Ligjiet ta' Malta) li permezz tieghu, ordna li l-imputat jitressaq quddiem din il-Qorti biex iwiegeb ghall-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu[1];

Rat id-Digriet tal-Assenjazzjonijiet ta' Kawzi u Doveri datat it-28 ta' Lulju 2021, permezz ta' liema din il-kawza giet assenjata lil din il-Qorti hekk kif inhi ppreseduta kif ukoll l-ezenzjoni tal-partijiet mis-smigh mill-gdid tal-provi gia mismugha minn din il-Qorti diversament preseduta;

Rat ukoll il-kunsens sommarju mahrug mill-Avukat Generali datat 4 ta' Marzu 2010 ai termini tal-artikolu 370(4) tal-Kodici Kriminali;

Rat u semghet ix-xhieda;

Rat l-atti processwali kollha tal-kaz odjern u d-dokumenti esebiti;

Semghet is-sottomissjonijiet tal-partijiet;

**Ikkunsidrat:**

A. <u>Il-Fatti</u>

Mill-provi pprezentati jirrizulta car li l-qua imputat, Francis Grech, kien detenut gewwa l-Facilita' Korrettiva ta' Kordin bejn it-2 ta' Novembru 2006 u it-2 ta' Marzu 2007[2] u cioe' fil-perjodu indikat bhala zmien mic-citazzjoni. SM1404 Anthony Cutajar jispjega li l-investigazzjonijiet konnessi mal-kaz odjern bdew

---

[1] Fol. 2 tal-atti processwali

[2] Fol. 147 tal-atti processwali.

wara li nhar is-26 ta' Jannar 2007, kien instab xi trab suspettuz gewwa frott fis-sezzjoni tad-Debituri tal-Habs minn CO58 Damian Magro u CO171 Paul Borg Bonaci. Dan l-ikel (pizza u banana) kien gabu certu Nazzareno Grech li jigi missier il-qua imputat. Skond ix-xhieda tal-ufficjali tal-habs jirrizulta li dan l-ikel kien intiz ghal certu Jeremy Farrugia li dak iz-zmien kien ukoll detenut gewwa l-Facilita' Korrettiva ta' Kordin fl-istess divizzjoni tal-qua imputat Francis Grech.

Mill-provi mressqa jirrizulta li dakinhar kien hemm istanza ohra fejn instabet is-sustanza eroina go banana. Fil-fatt jirrizulta li dakinhar inqabdet Juanita Grech iddahhal sustanza eroina fl-ikel (banana) mehud fis-sezzjoni tad-debituri fil-Facilita' Korrettiva ta' Kordin bil-ghan li dan jigi mghoti lil Philianne Ceci. Dan ghamlitu wara li gabet il-frott kontenenti l-eroina minghand Charlotte Vella. In konnessjoni ma dawn il-fatti (msemmija f'dan il-paragrafu) infethet inkjesta Magisterjali u kopja legali tal-proces verbal imhejji mill-Magistrat Inkwerenti gie pprezentat fl-atti ta' din il-kawza.

Il-proces verbal konness mal-ewwel set ta' fatti u cioe' s-sustanza li Nazzareno Grech dahhal gewwa l-Facilita' Korrettiva ta' Kordin ma gie qatt ipprezentat. Madanakollu fl-atti tal-proces verbal ipprezentat, li principalment jirrigwarda s-sustanza li ddahlet gewwa l-Facilita' Korrettiva ta' Kordin minn Juanita Grech, issir referenza ghall-fatti tal-ewwel incident li tirrigwarda s-sejba ta' sustanza illecita fil-banana li gab Nazzareno Grech[3]. L-espert Godwin Sammut analizza biss dik is-sustanza li nstabet fil-pussess ta' Juanita Grech u kkonferma li kienet sustanza eroina[4]. Mill-provi mressqa ma jirrizultax x'kienet is-sustanza li Nazzareno Grech ha gewwa s-sezzjoni tad-Debituri gewwa l-Facilita' Korrettiva ta' Kordin. Din qatt ma giet esebita jew analizzata.

Mill-provi mressqa jirrizulta ukoll li fil-mori tal-investigazzjonijiet Juanita Grech ikkonfermat bil-gurament quddiem il-Magistrat Inkwerenti l-istqarrija li hija kienet irrilaxxat lill-pulizija nhar is-27 ta' Jannar 2007[5]. Fix-xhieda taghha quddiem il-Magistrat Inkwerenti, Grech ma taghmel l-ebda referenza ghas-sustanza suspettata droga li kien dahhal aktar kmieni Nazzareno Grech. Fl-iter tal-proceduri odjerni Juanita Grech xehdet li ma taf xejn dwar il-fatti tal-kaz odjern u cioe' dwar is-sustanza li dahhal gewwa l-habs Nazzareno Grech[6]. Fil-fatt hija qalet hekk:

*" Pros:* *Francis Grech qieghed hawn fuq kaz ta' droga meta hu kien il-habs. F'dan il-kaz kien hemm persuna li*

[3] Partikolarment mix-xhieda migbura mill-espert imqabbad ghal dan il-ghan – Vincent E. Ciliberti – partikolarment ix-xhieda ta' CO58 Damian Magro u CO171 Paul Borg Bonaci.
[4] Fol. 133 tal-atti processwali fejn l-espert jikkonkludi li s-sustanza kienet eroina fl-ammont ta' 2.09g b'purita ta' circa 35%.
[5] Fol. 51 tal-atti processwali.
[6] Fol. 175 tal-atti processwali.

*semmietek li hija t-tifla tieghu. inti x'taf tghidilna dwar dan il-kaz?*

*Xhud:* *Ma ghandix idea. Not even why I am here."*[7]

Madanakollu kkonfermat li hija kienet gabet il-frott kontenenti sustanza illegali minghand certu Charlotte Vella.

L-Ispettur Jesmond Borg xehed limitatament dwar is-sustanza li thalliet minn Juanita Grech. Fix-xhieda taghhom, l-Ispettur Nadia Lanzon kif ukoll PC310 Anthony Meli jitfu dawl fuq l-involviment li setgha kellu l-imputat odjern rigward id-droga li pprova jdahhal il-habs Nazzareno Grech. Fl-okkorenza jinghad.

> *"Illum 26/1/2007 ghal habta tal-10am gejn infurmati minn PS1404 A. Cutajar li llum stess ghall-habta ta' 9.45am gie certu Nazzareno Grech (ID Card No. 319845M) jaghmel zjara lil prigunier Jeremy Farrugia fil-Facilita' Korrettiva ta' Kordin u dan gablu xi ikel. Waqt li kienet qed ssir spezzjoni minn CO58 u CO 171 rrizulta li fil-frott cioe' fil-banana instab tubu tal-karti mgezwer tape trasparenti li aktarx li kien fih xi droga. PS1404 Cutajar staqsa lil Nazzareno Grech x'kien gara. Nazzareno Grech qal li cempillu t-tifel tieghu Frankie Grech li jinsab il-habs u qallu biex imur ghand it-tifla Roxanne u jgib l-ikel lil Jeremy Farrugia. Huwa mar ghand it-tifla u qaltlu li frott biss kellha. U jekk ried xi ikel jixtri take-away. L-affarijiet suspettuzi few elevati minn PS1404, Insp. N. Lanzon tal-Drug SQ. giet infurmata u aktar stharrig qieghed isir minnha. ..."*[8]

L-Ispettur Nadia Lanzon tixhet ukoll dawl fuq in-nes bejn iz-zewg incidenti u cioe' d-droga li ppruvat ddahal gewwa l-habs Juanita Grech u s-sustanza li prova jdahhal Nazzareno Grech. Dan in-nes kien dak li d-droga gol-frott fiz-zewg istanzi originat minn Charlotte Vella. Fil-fatt, l-Ispettur Nadia Lanzon tispjega li fl-iter tal-investigazzjonijiet hija kienet kellmet lil Nazzareno Grech li stqarr li ibnu (cioe' l-qua imputat) kien cempillu gurnata qabel u talbu jmur ghand bintu Roxanne Grech (allura n-neputija ta' Nazzareno Grech) bil-ghan li ttih ftit ikel. Huwa talab ukoll lil Nazzareno Grech igibhom il-habs u jghaddiehom li certu Jeremy Farrugia li kien ukoll detenut gewwa l-habs. L-Ispettur Lanzon kellmet ukoll lil Roxanne Grech li kkonfermat kullma qal Nazzareno Grech u ziedet li hija kienet marret igib l-ikel minghand certu Charlotte Vella[9]. Charlotte Vella kienet giet ukoll mitkellma mill-pulizija li min-naha taghha stqarret li hija kienet poggiet sustanza illegali fil-frott fuq struzzjonijiet tal-qua imputat, li kien l-ex-partner taghha u missier tlett itfal taghha.

---

[7] Fol. 176 tal-atti processwali.

[8] Fol. 167 tal-atti processwali.

[9] Li hija l-istess persuna li kienet ghaddiet il-frott lil Juanita Grech.

Fl-iter tal-investigazzjonijiet gie mitkellem ukoll il-qua imputat li rrillaxxa stqarrija lill-pulizija nhar it-28 ta' Jannar 2007[10]. Qabel ma ttiehdet din l-istqarrija l-qua imputat inghata d-dritt tas-silenzju izda ma nghatax id-dritt tal-assistenza legali la qabel u lanqas waqt it-tehid tal-istqarrija. Fil-fatt il-ligi vigenti fis-sena 2007 ma kinitx tipprovdi ghad-dritt tal-assistenza legali qabel u waqt l-istqarrija. L-imputat ghazel li ma jiffirmax l-istess stqarrija. Fl-iter tal-proceduri odjerni l-qua imputat, Francis Grech, ghazel li jiehu l-pedana tax-xhieda fejn ghamel referenza ghall-istqarrija u stqarr li huwa kien ghazel ma jiffirmax l-istqarrija ghax dak iz-zmien ma kienx jaf ezatt l-istorja[11]. Fl-udjenza tal- 25 t'April tas-sena 2022, l-imputat talaba lil din il-Qorti tiskarta l-istqarrija rrillaxata minnu fid-dawl tal-gurisprudenza tal-Qrati Kostituzzjonali galadarba huwa ma kienx mghoti d-dritt tal-assistenza legali. Minn analizi tal-atti processwali ma jirrizultax li kien hemm ragunijiet impellenti l-ghaliex l-imputat ma giex mghoti d-dritt ghall-assistenza legali qabel u waqt l-istqarrija. Minn qari tal-istess stqarrija jirrizulta li mhux biss l-imputat ma ffirmax l-istqarrija hekk kif inghad izjed 'il fuq izda anke l-ufficjali tal-pulizija. Tenut kont li din l-istqarrija esebita fl-atti processwali odjerni ma hija ffirmata minn hadd din il-Qorti ma tistax tkun sodisfatta li dak iddikjarat huwa dak li ntqal mill-imputat fl-istqarrija tieghu. Din il-Qorti, wara li qieset il-principji stabbiliti fl-insenjament mghoti fil-kaz **<u>Beuze v il-Belgju</u>** (App. Numru 71409/10) tad-9 ta' Novembru 2018, u l-principji stabbiliti ricentament permezz tas-sentenzi mghotija mill-Qrati ta' gurisdizzjoni Kostituzzjonali u anke Kriminali[12], fic-cirkostanzi msemmija hawn fuq, bil-ghan li ma jigux mittiefsa d-drittijiet tal-imputat, din il-Qorti ser tghaddi sabiex tiskarta l-istqarrija tal-imputat fil-kunsiderazzjonijiet taghha dwar ir-reita o meno tal-imputat fir-rigward tal-imputazzjonijiet dedotti fil-konfront tieghu.

Fix-xhieda tieghu fil-mori ta' dawn il-proceduri l-qua imputat fl-ebda hin ma jikkonferma li d-droga tpoggiet fil-frott fuq struzzjonijiet tieghu jew li inkella kien ta' xi struzzjonijiet sabiex tintbaghat sustanza illegali fil-habs.

Il-prosekuzzjoni ressqet sabiex tixhed lil Charlotte Vella madanakollu Vella esprimiet ix-xewqa taghha li hija ma tixhidx fil-konfront tal-imputat galadarba huwa ghandhom tfal komuni flimkien. Din il-Qorti diversament preseduta, fl-udjenza tat-18 t'Ottubru 2017, f'dan ir-rigward u wara li kkunsidrat id-dittami tal-artikolu 633 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, ordnat lil Vella sabiex tixhed. Il-prosekuzzjoni ssospendiet it-testimonjanza tal-imputat (minghajr ma bdiet tixhed

[10] Issir referenza ghal Dok NL1, fol. 18 tal-atti processwali.
[11] Fol. 249 tal-atti processwali.
[12] F'dan is-sens issir referenza ghas-segwenti sentenzi (izda mhux biss) Morgan Onourah vs L-Avukat tal-Istat (Qorti Kostituzzjonali), 27 ta' Jannar 2021, Ir-Repubblika ta' Malta vs Kevin Gatt et (Qorti tal-Appell Kriminali (Superjuri), (27 ta' Ottubru 2021), kif ukoll Christopher Bartolo vs L-Avukat ta' l-Istat Qorti Kostituzzjonali, (26 ta' April 2022) u Ir-Repubblika ta' Malta vs Andrew Mangion (Qorti tal-Appell Kriminali (Superjuri), (4 ta' Mejju 2022).

fuq il-mertu) ghaliex riedet taghmel referenza ghall-istqarrija guramentata tal-istess Vella. Fis-seduti sussegwenti l-prosekuzzjoni ddikjarat li Vella fil-fatt ma kinitx irrilaxxat stqarrija guramentata. Il-prosekuzzjoni wara dan ghamlet diversi tentattivi minghajr success sabiex tharek lix-xhud Vella, madanakollu din baqghet ma gietx rintraccata u l-prosekuzzjoni ghaddiet sabiex taghlaq il-provi taghha.

Roxanne Grech u Nazzareno Grech ma tressqu qatt sabiex jiddeponu quddiem din il-Qorti u lanqas ma kien hemm tentattiv biex isir dan.

**Ikkunsidrat ukoll:**

Fin-nuqqas tax-xhieda bil-gurament ta' Roxanne Grech, Nazzareno Grech u Charlotte Vella, l-unika referenza ghall-imputat issir mill-ispettur Nadia Lanzon meta xehdet dwar l-investigazzjoni li hija ghamlet fil-kaz odjern. Fix-xhieda taghha, hekk kif inghad izjed 'il fuq, hija spjegat li wasslet ghall-imputat fid-dawl ta' dak li qalulha Roxanne Grech, Nazzareno Grech u Charlotte Vella. Dawn it-tlett persuni ma tressqu qatt mill-prosekuzzjoni sabiex jixhdu u jikkonfermaw dak li qallu lill-ispettur Lanzon bil-gurament taghhom quddiem il-Qorti. Dak li xehdet l-Ispettur Lanzon ghaldaqstant huwa meqjus bhala 'hearsay evidence' jew 'detto del detto' u kjarament jirrizulta li l-kaz tal-prosekuzzjoni huwa bbazzat interament fuq *hearsay evidence*. Ghaldaqstant din il-Qorti trid tara jekk din il-*'hearsay evidence'* hijiex bizzejjed sabiex issib il-qua imputat kriminalment responsabbli ghall-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu.

Issa, l-artikoli li jirregolaw il-*hearsay evidence* huma l-artikoli 598 u 599 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta, li ai termini tal-artikolu 645 tal-Kodici Kriminali huma ukoll applikabbli ghall-proceduri kriminali. L-artikolu 598(1) jistipula li l-principju regolatur ghandu jkun li:

> *"598. (1) Bħala regola, <u>il-qorti ma tiħux qies</u> ta' xiehda dwar fatti li x-xhud igħid li ġie jafhom mingħand ħaddieħor jew li qalhom ħaddieħor li jista' jinġieb biex jagħti xiehda fuq dawk il-fatti."*

L-artikolu 599 min-naha l-ohra jistipula:

> *"599. Il-Qorti tista', skont iċ-ċirkostanzi, tippermetti xiehda fuqkliem ħaddieħor u tieħu qies tagħha, meta dan l-istess kliem ħaddieħor ikollu, fih innifsu, importanza sostanzjali, fuq il-meritu tal-kawża jew ikun jagħmel parti mill-meritu; inkella meta dan ħaddieħor ma jkunx jista' jinġieb biex jixhed, u l-fatti jkunu tali lima jkunux jistgħu jiġu ppruvati sewwa xort'oħra, l-aktar f'każijiet ta' twelid, ta' żwieġ, ta' mewt, ta' assenza, ta' servitù, ta' rjieħ ta' immobbli, ta' pussess, ta' drawwiet, ta' ġrajjiet storiċi pubbliċi,*

*ta'reputazzjoni jew ta' fama, ta' kliem jew fatti ta' nies li mietu jew li jkunu assenti u li ma kellhom ebda interess li jgħidu jew jiktbu l-falz, u ta' fatti oħra ta' interess ġenerali jew pubbliku jew li jkunu magħrufa minn kulħadd."*

Fis-sentenza tal-24 ta' Ottubru 2011 mghotija mill-Qorti Kriminali fl-ismijiet Ir-Repubblika ta' Malta v. Mario Azzopardi, saret referenza ghall-insenjament stabbilit fil-kaz *Subramaniam v. Public Prosecutor* fejn inghad:

> "*Evidence of a statement made to a witness by a person who is not himself called as a witness may or may not be hearsay. It is hearsay and inadmissible when the object of the evidence is to establish the truth of what is contained in the statement. It is not hearsay and is admissible when it is proposed to establish by the evidence, not the truth of the statement, but the fact that it was made. The fact that the statement was made, quite apart from its truth, is frequently relevant in considering the mental state and conduct thereafter of the witness or of some other person in whose presence the statement was made."*
> (sottolinear ta' din il-Qorti)

Fis-sentenza fl-istess ismijiet Ir-Republika ta' Malta v. Mario Azzopardi mghotija nhar il-5 ta' Lulju 2012 mill-Qorti Kriminali nghad:

> *"18. ... Ilu ben stabbilit minn din il-Qorti, kif anki rilevat mill-ewwel Qorti fis-sentenza tagħha, li mhux kull relazzjoni ta' x'qal ħaddieħor tikkostitwixxi hearsay evidence iżda jekk dak rapportat hux hearsay evidence jew le jiddependi mill-użu li wieħed jippretendi li jsir minn dak rakkontat. Jekk dak rakkontat jiġi preżentat bħala prova tal-kontenut tiegħu allura dak ikun hearsay evidence u bħala tali inammissibbli iżda jekk dak rakkontat jiġi preżentat mhux bħala prova tal-kontenut tiegħu iżda bħala prova li dak li ntqal verament intqal fiċ-ċirkostanzi ta' data, post u ħin li fihom intqal allura dan ma jkunx hearsay evidence u huwa ammissibbli għal ċerti għanijiet legali legittimi bħal sabiex tiġi kontrollata x-xiehda diretta tax-xhud li l-kliem tiegħu ikun qiegħed jiġi rapportat jew, fiċ-ċirkostanzi idoneji, anki sabiex tiġi korroborata xiehda diretta oħra. Huma għal dawn ir-raġunijiet, kif tajjeb spjegat l-ewwel Qorti, li din it-tip ta' xiehda ma tistax tiġi eskluża a priori iżda d-deċiżjoni dwar l-opportunita` o meno li titħalla tingħata dik ix-xiehda u titqiegħed quddiem il-ġurija trid neċessarjament tiġi rimessa lill-Imħallef togat li jippresjedi l-ġuri li jkun tenut jagħti d-deċiżjoni tiegħu skont iċ-ċirkostanzi li fihom jiżvolġi l-ġuri u skont l-esiġenzi evidenzjarji u proċedurali tal-proċess. ..... "*

Fis-sentenza mghotija ukoll mill-Qorti Kriminali fl-ismijiet ir-Repubblika ta' Malta vs. Joseph Xuereb nhar is-6 ta' Lulju 2016 nghad is-segwenti dwar kif wiehed ghandu jizen 'hearsay evidence' fl-assjem tal-provi mressqa bil-ghan li jistabilixxi r-reita' tal-imputat li jkun:

> "Dan dejjem irid isir bis-salvagwardji kollha li taghti l-ligi fejn allura l-Imhallef togat ghandu jaghti id-direzzjonijiet opportuni lill-gurati in konnessjoni mar-regola tal-*hearsay evidence* u liema piz ghandha tinghata lil din ix-xhieda fejn allura il-persuna li tkun tat l-informazzjoni ma tingiebx fil-qorti sabiex tixhed u allura l-persuna akkuzata ma ikollhiex kontroll fuq dak mistqarr minnha. Madanakollu din il-Qorti ma tistax taqbel ma'l-eccezzjoni sollevata mill-akkuzat illi *a priori* dik il-parti tax-xhieda tal-Ufficjal Investigattiv hija wahda inammissibbli u dan ghaliex l-persuna li ghaddiet l-informazzjoni lill-pulizija ma tistax tingieb biex tixhed sabiex tikkonferma dak minnha dikjarat ghaliex riedet tibqa anonima billi din tista' tikkostitwixxi prova ai fini tal-investigazzjonijiet kondotti mill-pulizija izda mhux bhala prova diretta tal-kontenut taghha, kif inghad."

Stabbilit dan fil-kaz odjern, il-prosekuzzjoni ma pruvat tressaq qatt lil Nazzareno Grech u lil Roxanne Grech sabiex jixhdu fil-konfront tal-qua imputat. Il-qua imputat ma kellu l-ebda forma ta' kontroll ta' dak li qalu huma lill-pulizija u wisq inqas ma gie mghoti d-dritt li jaghmel il-kontro-ezami tal-istess persuni. Charlotte Vella min-naha l-ohra kienet ingunta bhala xhud izda qatt ma xehdet dwar il-mertu. F'istanza minnhom il-prosekuzzjoni rrinunzjaw ghal din ix-xhud minhabba d-diffikulta sabiex jinnotifikawha. Ghaldaqstant ghal darba ohra l-qua imputat ma kellu l-ebda kontroll fuq dak li nghad minnha lill-pulizija u lanqas ma nghata l-opportunita' li jaghmel il-kontro-ezami tal-istess xhud. Jinghad ukoll li dak li xehdet l-ispettur Lanzon dwar dak li qallula dawn it-tlett persuni – Nazzareno Grech, Roxanne Grech u Charlotte Vella kien sunt minghajr ma nghataw dettalji bizzejjed sabiex din il-Qorti tkun tista' tevalwa jekk dak li setghu qalu lill-ispettur ghandux mis-sewwa jew le.

Il-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sentenza l-Pulizija vs. Hassan Khaled mghotija fil-5 ta' Gunju 2003, kien laqa' appell intavolat mill-imputat li nstab hati fuq xhieda mghotija mill-ispetturi tal-VAT, liema xhieda kienet meqjusa bhala 'hearsay evidence'. F'din is-sentenza nghad hekk:

> *"Illi mill-provi migjuba quddiem din il-Qorti ma tirrizulta ebda prova kontra l-appellant ghax il-persuna li allegatament ma tatx l-ircevuta fiskali kienet skond ma jidher mid-dokument a fol. 5 tal-process u mix-xhieda ta' Carmelo Cassar, Mohammed Ali Khamis Mehany, u dan ma ngabx bhala xhud quddiem l-ewwel Qorti.*

*Ghalhekk kull ma qal lil VAT inspectors huwa "hearsay evidence" u ma jikkonstitwix prova kontra l-appellant. Inoltre skond l-applikazzjoni ghal registrazzjoni a fol. 4 tal-process, l-isem tan-negozju tal-appellant huwa differenti minn dak li jidher fic-citazzjoni.*
*Fl-assenza kompleta ta' provi ghalhekk il-Qorti ma tistax hlief tilqa' l-appell u tillibera lill-appellant."*

Tenut kont li fid-dawl tal-insenjament hawn fuq citat, *hearsay evidence* hija prova li ntqal diskors izda mhux prova tal-kontenut tal-istess diskors, u tenut kont li l-kaz odjern hekk kif mressaq mill-prosekuzzjoni jistrieh unikament fuq din ix-xhieda fuq kliem haddiehor u cioe' *hearsay evidence*, fuq nuqqas ta' provi din il-Qorti ser tghaddi sabiex tillibera lill-qua imputat mill-imputazzjonijiet kollha dedotti fil-konfront tieghu.

**Decide**

Ghal dawn il-mottivi, din il-Qorti, qed issib lill-qua imputat, Franics Grech, mhux hati tal-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu u konsegwentament qed tilliberah mill-istess.

MAGISTRAT DR. ELAINE MERCIECA B.A., LL.D.

Christine Farrugia
Deputat Registratur